## 28 ta' Ġunju, 1955

## Imħallef:
## Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Muscat et. *versus* Joyce Frendo

### Kompetenza — Eċċezzjonijiet Dilatorji — Self — Barmaid — Kummerċjant — Lokazzjoni d'Opera

*Bħala regola, l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, bħala eċċezzjoni dilatorja, għandha tingħata "in limine litis", u għalhekk qabel l-eċċezzjonijiet fil-meritu; tant fl-istadju skritt kemm f'dak orali. Tingħamel eċċezzjoni għal dan, meta ma jkunx pratikabbli illi din l-eċċezzjoni tingħata fl-ordni hekk stabbilit mil-liġi.*

*Għaldaqstant, jekk il-konvenut jissolleva din l-eċċezzioni wara li jkunu ġew eżawriti l-provi u l-kawża tkun ġiet trattata, u ma kienx impratikabbli għall-konvenut li jissolleva dik l-eċċezzjoni fil-bidu nett, billi l-fatti kollha li fuqhom hi bażata dik l-eċċezzjoni kien jafhom sa almenu meta ta l-eċċezzjonijiet fil-meritu, ma jidherx li hu l-każ li l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni.*

*"Barmaid" mhix kummerċjanta; u l-impjeg ta' barmaid ma jistax jiġi kunsidrat per se' bħala att ta' natura kummerċjali għall-persuna li tassumi impjeg simili. Dak l-impjeg hu kuntratt ta' lokazzjoni d'opera; u bħala tali hu kuntratt ta' natura ċivili.*

*Għaldaqstant, f'każ ta' azzjoni li biha l-attur jitlob ir-restituzzjoni ta' self li hu għamel lil persuna li kienet impjegata miegħu barmaid, jekk is-self ma hux ta' natura kummerċjali, u lanqas kellu xi konnessjoni fl-operazzjonijiet tal-kummerċ tal-attur, hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża l-Qorti Ċivili.*

Il-Qorti;— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi jitolbu illi, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-konvenuta tiġi minn din il-Qorti kundannata tħallashom is-somma ta' £27, bilanċ per saldu ta' ammont akbar lilha misluf "brevi manu" f'April 1954. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru 1954 u tal-mandat ta' sekwestru tal-25 ta' Ottubru 1954; u bl-imgħax legali minn notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali tad-19 ta' Ottubru 1954. *Il-konvenuta ġiet imħarrka* biex tagħti s-subizzjoni tagħha;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta, li biha teċċepixxi illi din il-Qorti hija inkompetenti tieħu konjizzjoni tal-kawża, stante illi r-rapport legali fuq il-meritu hu bejn kummerċjant u l-impjegat tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dina l-Qorti, sollevata mill-konvenuta;

Illi, bħala regola, l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, bħala eċċezzjoni dilatorja, għandha tingħata "in limine litis", u għalhekk qabel l-eċċezzjonijiet fil-meritu, tant fl-istadju skritt kemm f'dak orali. Tingħamel eċċezzjoni għal dan, meta ma jkunx pratikabbili illi dina l-eċċezzjoni tingħata fl-ordni hekk stabbilit mill-liġi. Il-konvenuta ssollevat din l-eċċezzjoni wara illi ġew eżawriti l-provi u l-kawża ġiet ukoll trattata; ma kienx impratikabbli għall-konvenuta illi tissolleva din l-eċċezzjoni fil-bidu nett, billi l-fatti kollha li fuqhom ġiet bażata l-konvenuta kienet tafhom sa almenu meta tat l-eċċezzjonijiet fill-meritu. F'dawn iċ-ċirkustanzi ma jidhirx illi hu l-każ li l-Qorti tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni;

B'dan kollu, jista' jingħad illi din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli. Il-konvenuta tibbażaha fuq il-fatt li r-rapport legali fuq il-meritu hu bejn l-attur, li hu kummerċjant, u bejnha, li kienet impjegata miegħu. Imma, apparti konsiderazzjonijiet oħra, li fiċ-ċirkustanzi tal-każ ma hemmx bżonn li jiġu trattati u definiti, hu magħruf illi "barmaid"

mhijiex kummerċjanta, u *l-impieg ta' "barmaid" ma jistax* jiġi kunsidrat per se' bħala att ta' natura kummerċjali għall-persuna li tassumi impjeg simili; dak l-impjeg hu kuntratt ta' lokazzjoni d'opera, u bħala tali hu kuntratt ta' natura ċivili (Vol. XXXIII-II-167). Barra minn dan, l-oġġett tal-kawża, is-self magħmul lill-konvenuta, mhux biss mhux ta' natura kummerċjali, imma lanqas ma jirriżulta illi kellu xi konnessjoni fl-operazzjonijiet tal-kummerċ tal-atturi; biżżejjed jingħad illi, kif jirriżulta bla ebda kontestazzjoni, dak is-self sar mingħajr imgħax;

Għalhekk din l-eċċezzjoni għandha tiġi respinta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fil-meritu;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiddikjara illi din il-Qorti hi kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, u hekk tirrespinġi l-eċċezzjoni relattiva preliminari fuq imsemmija, mogħtija mill-konvenuta; u tilqa' t-talba kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż tħallashom kollha l-konvenuta.

---